HAL BALZAN

IT-TIENI SENA Nru. 9 — LEHEN IL-KUNSILL ĊIVIKU — 24 — JANNAR/FRAR 1973

SILTIET MILL-ISTORJA TA' HAL BALZAN

(9) IL-KNEJJES IŻ-ŻGHAR TA' HAL BALZAN

—minn DUN G. DIMECH—

IL-KNISJA TA' S. MARIJA

Hal Balzan sa mill-bidu tiegħu beda jifforma ruħu minn għadd żgħir ta' djar li bdew jinbnew madwar iż-żewġ knejjes li kienu, għad li mbegħdin minn xulxin, nistgħu ngħidu fil-qalba tar-raħal. Qed ingħid għall-Knisja ta' l-Annunzjata l-Qadima u dik ta' Santa Marija. Tant hu hekk, li kien hemm żmien meta r-raħal kien maqsum fi tnejn, u n-nies kienu magħrufin bħala n-nies li joqogħdu n-naħa ta' fuq, jiġifieri dawk li joqogħdu n-naħa ta' Santa Marija, u dawk tan-naħa t'isfel, dawk li joqogħdu ħdejn il-Knisja ta' l-Annunzjata.

Dan jikkonfermah il-fatt li sa ma Hal Balzan inqata' bħala Parroċċa għalih, nhar l-14 ta' Awwissu 1655, il-Viċi Parroku ta' Birkirkara kien iqaddes kull nhar ta' Hadd u fil-Festi alternativament, jiġifieri darba fil-Knisja ta' Annunzjata u darba fil-Knisja ta' Santa Marija. (1)

F'xi reġistri li fihom jinżamm is-"Status Animarum" tan-nies ta' din il-Parroċċa, id-djar kienu mqassma fi tlieta: djar li huma fit-truf tar-raħal, djar li jiffurmaw it-taqsima ta' Santa Marija, u djar li jiffurmaw it-taqsima tat-Tliet Knejjes. Eżempju ta' dan neħduh mir-Reġistru tas-sena 1749 fejn insibu li f'dik is-sena n-nies ta' Hal Balzan kienu jgħoddu 635, u kienu joqogħdu f'68 lok imxerrdin lejn it-truf tar-raħal, f'53 lok fit-taqsima ta' Santa Marija, u f'46 lok fit-taqsima tat-Tliet Knejjes. (2)



Din l-istatwa ta' Santa Marija qiegħda f'misraħ żgħir quddiem il-Knisja ta' Santa Marija. Kont taf li qabel il-knisja li naraw illum kien hemm tnejn oħra mibnijin fl-istess post?

Fejn hi l-Knisja ta' Santa Marija

Il-Knisja ta' Santa Marija hi fil-qalba tan-naħa ta' fuq ta' Hal Balzan. Sa ftit żmien ilu, din il-Knisja kellha l-akbar għadd ta' djar mibnijin madwarha. Il-lum il-bini l-ġdid li tela' f'Hal Balzan ħeba kważi għal kollox il-bini l-qadim, iżda min idur dawra mal-Knisja ta' Santa Marija għad s'issa jista' jara għadd ġmielu ta' bini li nbena qabel jew ftit wara li nbniet l-ewwel Knisja ta' Santa Marija.

Meta llum inħarsu lejn il-Knisja ta' Santa Marija, irridu niftakru li qabel din il-Knisja kien hemm tnejn oħra mibnijin fl-istess post u li t-tnejn l-oħra wkoll kienu ddedikati lit-Tlugħ fis-Sema ta' Marija Santissma. Għalhekk hi ħaġa xierqa li nitkellmu minn dawn it-tliet Knejjes iddedikati lil Santa Marija waħda wara l-oħra; iżda qabel xejn irridu ngħidu kelma dwar l-għażla tat-Titular ta' din il-Knisja. Għaliex ġie magħżul it-Tlugħ ta' Marija Santissma fis-Sema biex ikun it-Titular ta' din il-Knisja?

Fil-Ktieb "Marija u Malta" tal-Mons. Prof. A. Bonnici, insibu din: "Ħaġa tal-għaġeb hija dik li fostna, sa mill-eqdem żminijiet, kellu għeruq l-aktar qawwija t-twemmin fil-Maternità Divina tal-Madonna u fit-Tlugħ Tagħha bir-ruħ u l-ġisem fis-sema". (3)

Dwar il-Maternità Divina tal-Madonna, Hal Balzan sa mis-seklu sittax wera dan it-twemmin billi bena l-Knisja ta' l-Annunzjata. Dwar it-twemmin tat-Tlugħ ta' Marija Santissma fis-Sema bir-ruħ u l-ġisem, fil-ktieb imsemmi aktar 'l fuq ta' Mons. Prof. A. Bonnici, insibu li: "Fis-seklu XV minn 22 Knisja ddedikati lill-Madonna, 11 minnhom kienu taħt it-titlu ta' l-Assunzjoni ta' Marija. Fis-seklu XVI, minn 168 iddedikati lill Marija Santissma, 86 minnhom kienu ddedikati lill-Assunzjoni ta' Marija Verġni". (4)

In-nies ta' Hal Balzan riedu huma wkoll juru t-twemmin tagħhom fit-Tlugħ ta' Marija Santissma fis-Sema bir-ruħ u l-ġisem; anzi bir-raġun kollu ngħidu li kienu minn ta' quddiem biex ħasbu jibnu knisja fil-qalba tar-raħal taħt it-titlu ta' l-Assunzjoni ta' Marija.

Meta nbniet l-ewwel knisja ta' Santa Marija

Din il-Knisja nbniet fis-seklu XIV; anzi biex inkunu aktar eżatti, meta l-Viżitatur Apostoliku Mons. Pietru Duzina għamel iż-żjara tiegħu lil Hal Balzan, nhar l-ewwel ta' Frar 1575, fir-relazzjoni tal-viżta tiegħu, ħallielna bil-miktub li din il-Knisja, ddedikata lit-Tlugħ fis-Sema ta' Marija Santissma, kienet inbniet fix-xahar ta' Awwissu ta' l-1574. (5)

Kif kienet il-Knisja

"Imdaqqsa u ħelwa ħafna hi din il-Knisja": hekk ħallielna miktub Mons. P. Duzina. (6)

Mons. Isqof Cagliares, fil-viżta tat-28 ta' Novembru 1615, igħidilna li din il-knisja: "Hi twila u wiesgħa biżżejjed għan-nies ta' din in-naħa". Mir-relazzjoni ta' din il-Viżta, sirna nafu li din il-Knisja kellha tliet bibien, kif ukoll li quddiem din il-Knisja kien hemm ċimiteru mdaqqas li kien imdawwar b'ċint. (7)

Il-pożizzjoni tal-Knisja u tal-bibien tagħha jagħtihielna Mons. Pontremoli, fejn igħidilna li l-bieb prinċipali tal-Knisja kien iħares lejn il-Punent, u l-bibien l-oħra wieħed iħares lejn nofs-inhar u l-ieħor lejn it-Tramuntana. (8)

Nafu wkoll li din il-Knisja kellha qanpiena waħda. (9)

Il-Knisja minn ġewwa

Kif ġa għedna, il-Knisja kienet imdaqqsa u kbira biżżejjed għan-nies ta' dik in-naħa. Dan jidher sewwa għaliex din il-Knisja kellha sitt ħnejjiet. Ġo dil-Knisja kien hemm seba' oqbra u l-bqija tal-paviment kien magħmul minn għadd ta' ċangaturi tal-franka. (10)

Fil-Viżta lil din il-Knisja, nhar it2 ta' Mejju 1637, l-Isqof Balaguer sab li kienet miżmuma tajjeb ħafna u li kienet nadifa. Isemmi li l-bieb prinċipali ta' din il-Knisja kien għadu kif sar ġdid u semma wkoll li l-fonti ta' l-ilma mbierek kien sabiħ ħafna. (11)

Meta kien mar jara lil din il-Knisja, Mons. Duzina kien sab li f'din il-Knisja kien hemm artal wieħed biss u li kien iddedikat lil Marija Assunta. Iżda meta mar l-Isqof Gargallo, nhar l-4 ta' Diċembru 1601, sab li ma' l-artal maġġur żdiedu żewġ artali oħra. (12)

REFERENZI

1. CAGLIARES B.: Vist. Past. fol. 87. Ark. Arciv.
2. STATUS ANIMARUM: An. 1749: Arkivju Parrokkjali.
3. BONNICI ART.: "Marija u Malta" p. 7.
4. Ibid., p. 9-11.
5. DUZINA P.: Visit. Apost. fol. 69. Ark. Arciv.
6. Ibid.
7. CAGLIARES B.: Visit. Past. fol. 87. Ark. Arciv.
8. PONTREMOLI P.F.: Visit. fol. 145. Ark. Arciv.
9. CAGLIARES B.: Visit. Past. fol. 871. Ark. Arciv.
10. BALAGUER M.J. Visit. Past. fol. 247. Ark. Arciv.
11. Op. Cit.
12. GARGALLO T.: Visit. Past. fol. 223. Ark. Arciv.

KUNSILL ĊIVIKU - BALZAN

Fil-laqgħa ġenerali tal-'Kunsill Ċiviku — Balzan' li saret nhar l-Erbgħa, 17 ta' Jannar 1973, ġie elett dan l-Eżekuttiv għas-sena 1973 —

President:	Ir-Rev. Kan. Carmelo Sciberras (Kappillan)
Segretarju:	Is-Sur Paul Licari
Kaxxier:	Is-Sur Valentino Muscat
V/President:	Is-Sur Victor Delicata
Ass. Segretarju:	Is-Sur Carmel Bezzina, B.A.
Membri:	Is-Sur Anthony Fenech Dr. Robert Farrugia Randon, M.D.

Elite MENSWEAR
of South Street, Valletta
DRESS WEAR HIRE SERVICE
FOR
FASHIONABLE WEDDINGS
AND
SPECIAL OCCASIONS
We sell clothes too!
IN FACT WE ARE
THE EXCLUSIVE CENTRE FOR MENSWEAR
JRP

Editorjal

• SENA ĠDIDA
• BORD EDITORJALI ĠDID

* Bdejna sena ġdida. Is-sena 1972, bit-tajjeb u l-ħażin kollu tagħha, għaddiet u għoddha bdiet tintesa. Min-naħa l-oħra, għandna sena ġdida quddiemna. Ħafna huma dawk li fi tmiem is-sena jagħmlu xi proponimenti li jkunu beħsiebhom iwettqu għas-sena l-ġdida, proponimenti li, forsi, għall-ewwel xahar isegwuhom bl-akbar reqqa u mbagħad jinsewhom bħallikieku qatt m'għamluhom.

Iżda qatt għadda minn moħħ xi ħadd li jagħmel xi proponiment li bih jintrabat li jagħmel xi ġid lil raħal tweli-du? Jew, jekk kien hawn min għamel xi proponiment bħal dan, baqa' jżommu sa tmiem is-sena? Biex nazzjon jimxi 'l quddiem jeħtieġ li n-nies li jgħammru fih u li għandhom sehem minnu jaħdmu id f'id u bil-qalb. L-istess ħaġa nistgħu ngħidu, għalkemm fuq skala inqas, għal raħal.

Fir-raħal tagħna għandna diversi għaqdiet, kemm reliġjużi kif ukoll profani. Il-għan tal-għaqdiet reliġjużi huwa li, flimkien mal-kleru tal-Parroċċa, jagħtu edukazzjoni u formazzjoni reliġjuża lill-poplu kollu tar-raħal. Min-naħa l-oħra, il-għan tal-għaqdiet profani, jiġifieri l-każini, huwa li jipprovdu rikrejazzjoni xierqa u li jgħaqqdu ż-żgħażagħ u l-irġiel tal-Parroċċa ħalli jaħdmu għalenija fl-organizzazzjoni ta' attivitajiet sportivi u tal-festi li jsiru fir-raħal, b'mod speċjali tal-festa titulari.

Illum, il-ħidma tal-għaqdiet reliġjużi u tal-każini għadha meħtieġa bħalma kienet fl-imgħoddi. Iżda dari x'aktarx li kien hawn nies li kienu iktar iddedikati għall-ħidma tagħhom; kienu jidħlu għal biċċa xogħol, kif ngħidu bil-Malti, b'ruħhom u b'ġisimhom. Illum, minħabba ħafna raġunijiet, donnha naqset il-ħeġġa għall-ħidma fil-Parroċċa. L-imseħbin tal-għaqdiet kollha tal-Parroċċa jeħtieġ jissuktaw fil-ħidma fejjieda tagħhom u fejn hemm bżonn, jaħdmu aktar bis-serjeta' u jwessgħu ċ-ċirku ta' l-attivita' tagħhom.

Il-ħajja tal-Parroċċa jeħtieġ tieħu qabża 'l quddiem fl-oqsma kollha, kemm fil-qasam reliġjuż, kif ukoll f'dak soċjali u kulturali. Biex dan iseħħ, jeħtieġ li l-Balzanin kollha — u hawn jidħlu wkoll dawk li, għalkemm mhumiex wild ir-raħal, qegħdin joqogħdu fih — jagħtu sehemhom billi jieħdu sehem iktar attiv fl-attivitajiet kollha tal-Parroċċa. Dan għandu jkun wieħed mill-proponimenti tagħna lkoll għas-sena l-ġdida.

* Dan huwa wkoll il-proponiment tal-membri li jiffurmaw il-Bord Editorjali tal-gazzetta tagħna HAL BALZAN li minn din is-sena l-ġdida għandha Bord Editorjali ġdid. Il-għan tal-gazzetta għadu l-istess bħalma kien fil-bidu, jiġifieri li tagħti tagħrif dwar ir-raħal lin-nies ta' Hal Balzan u li żżommhom infurmati b'dak li jkun qed jiġri fil-ħajja reliġjuża u soċjali tal-Parroċċa. Nistgħu ngħidu li fiż-żmien li ilha toħroġ il-gazzetta tagħna dejjem imxiet fuq dan il-għan. Imma ma rridux nieqfu hawn. Irridu naħdmu aktar bis-sħiħ ħalli nġibu 'l quddiem ir-raħal maħbub tagħna. Hawn tidħol il-kooperazzjoni tagħkom. Din il-kooperazzjoni tistgħu turuha mhux biss billi tikkontribwixxu finanzjarjament għall-gazzetta, imma wkoll billi tibagħtulna s-suġġerimenti tagħkom u xi kitba li tkunu tixtiequ tippubblikaw.

Hawn għandkom l-ismijiet u l-indirizzi tal-membri li jiffurmaw il-Bord Editorjali l-ġdid —

Is-Sur Charles Bonello
(4A Triq it-Tliet Knejjes, Balzan).

Is-Sur Carmel Bezzina, B.A.
(11, Triq San Valentinu, Balzan).

Is-Sur Guido Borg
(30, Triq Santa Marija, Balzan).

Dr. Robert Farrugia Randon M.D.
('Franstan', Triq il-Papa Alessandru VII, Balzan).

Is-Sur Anthony Fenech
('Miele', Triq l-Annunzjata, Balzan).

Is-Sur Valentino Muscat
(238, Triq il-Kbira, Balzan).

SERATA MUŻIKO-LETTERARJA

mill-GHAQDA ŻGĦAŻAGĦ BALZANIN li nżammet fis-SALA AURORA HAL BALZAN, nhar il-Ħamis, 26 t'Ottubru, 1972, fis-7.00 p.m.

minn AMMIRATUR

Ma ridtx nonqoshom! Tlaqt kollox warajja u għal xi s-sebgħa nieqes ħamsa rħejtilha għas-Sala Aurora. Hemm kienu l-Membri tal-Għaqda Żgħażagħ Balzanin, fil-bieb, sabiex jagħtu merħba lill-mistednin għas-Serata li kienet dalwaqt se tibda. Sellimtilhom, urejthom l-invit, tawni karta, u żagħżugħ kollu fwejjaħ urieni posti.

Dlonk iddallmet is-sala, u bozoz moħbija bejn il-fjuri li kienu jżejnu l-palk tefgħu dawl bati fuq il-purtiera li malli tferqet, feġġet elegan-ti l-Presidente sabiex tagħti merħba, b'żewġ lingwi, lill-mistednin kollha. Talbet (u sinċerament ngħid li ma kellhiex għalfejn) mogħdrija għal xi żbalji li forsi dawk li kellhom jieħdu sehem setgħu jagħmlu.

L-ilbies kien addattat ħafna; is-sigħat twal ta' tħejjija li dawn iż-żgħażagħ kienu għaddew ħalli jallegraw 'l-udjenza tagħhom f'din is-serata ma kienux bla fejda, għax sewwa l-mużika, sewwa l-kant, kif ukoll il-moviment, kienu tajba ħafna.

Laqtuni żewġ affarijiet sentimentali. Għal mument ħassejt bħal tferfir ta' ferħ; għal waqt ieħor ħassejtni se nibki. Waqt kull 'item' tas-serata, kien jidher raġel pulit, bil-camera, jiġri ma' kull passaġġ tas-sala u jistudja l-aħjar angolu sabiex jieħu r-ritratti ta' tifkira. Kellu għax iħoss ruħu kburi dik il-lejla, jitpaxxa, kif jaf jagħmel missier, bl-ulied bravi tiegħu. Missirijiet u ommijiet kburin oħra kienu jinstabu fis-sala; ħafna minnhom nafhom sewwa! Iżda ħassejt id-dmugħ fi xfar għajnejja meta smajt żagħżugħa taqra l-versi ta' ħabib tiegħi, Maurice Vella Borg, 'Il-Missier', x'ħin ftakart li l-papa' tagħha ma huwiex magħna aktar. Nizgura lil din it-tfajla li missierha mis-sema kien qed jitpaxxa biha xorta waħda.

Il-'Compere' kien ħaqqha applaws għal kif qdiet dmirha! Kull min kien is-sala, sewwa jekk Malti, kif ukoll barrani, sata' jifhem dak kollu li kien qed jingħad. Sabiex dan iseħħ mija fil-mija, tqassmu karti sabiex ifiehmu lill-udjenza li l-moviment kien spirat minn djalogu bejn il-Ġustizzja, il-Paċi, il-Liberta' u l-Ugwalita'. Dak li l-ulied kellhom igħidu lill-Ġustizzja, naċċertahom li qaluhulha sewwa!!!

L-għana Malti kellu ċertu stil fih, u għoġobni! Il-poeżiji, ħafna minnhom nafhom bl-amment, fakkruni fi ġranet sbieħ tassew, meta kien għadni fuq il-bank ta' l-iskola. Iżda nixtieq ngħid lil xi wħud li qraw il-poeżiji sabiex darb'oħra ma jgħaġġlux; kienet ħasra li xi versi nbelgħu minn min kien qed jaqrahom u lilna ma ħallielna xejn minnhom!

Ma nistax infisser sewwa kemm ħadt gost f'din is-serata. Għal sagħtejn erġajt sirt żagħżugħ, nitpaxxa bil-ħlewwa u l-ferħ taż-żgħożija. Nappella lil żgħażagħ oħra Balzanin sabiex jissieħbu ma' għaqda daqshekk fejjieda (biżżejjed wieħed sama' lill-Presidente tgħid fuq l-attivitajiet kulturali u soċjali tal-għaqda) u lill-kbar biex mhux talli ma jagħmlulhomx bsaten fir-roti, iżda sabiex igħinuhom b'kull mezz li jistgħu.

IL-MARA MIŻŻEWĠA U L-LIĠI

minn Josephine Farrugia Randon, B.A., L.P., L.L.C.M.

Il-prinċipju fundamentali li fuqu huma mibnijin il-liġijiet li jirrigwardaw il-familja Maltija huwa li r-raġel huwa l-kap tal-familja. Dan mhux biss huwa prinċipju li jimxi id f'id mat-tagħlim tal-Knisja, imma huwa wkoll prinċipju fundamentali fil-liġi ċivili Rumana, li fuqha hija msejsa l-liġi ċivili ta' pajjiżna.

Meta Alla ħalaq lil Adam Huwa ried joħloqlu sieħba biex taqsam il-ħajja miegħu. Imma minkejja li l-mara kienet maħluqa biex tkun 'sieħba' tar-raġel, u mhux xi serva tiegħu, din sa ftit żmien ilu kienet ittrattata bħala bniedem 'inferjuri'. Dan kien ġej minħabba l-fatt li l-moħħ u l-ġisem tal-mara hija msejħa "the weaker sex".

Illum din l-ideja tbiddlet, għalkemm mhux għal kollox, u fis-soċjeta', speċjalment fil-pajjiżi ta' fuq, il-mara hija meqjusa bħala ugwali mar-raġel. Il-mara llum uriet li hija tista' tieħu parti attiva f'kull qasam soċjali, daqs ir-raġel. F'ċerti postijiet, per eżempju fir-Russja, il-mara taħdem l-istess xogħol tar-raġel. F'pajjiżna wkoll il-mara bdiet tikseb xi ftit drittijiet li jġibuha ugwali mar-raġel, bħalma huma l-paga xorta u d-dritt li tidher bħala ġurat fil-Qorti; imma għad hemm ħafna x'jinbidel fil-liġi Maltija biex il-mara tikseb id-drittijiet ċivili tagħha bħal tar-raġel.

Fil-Kodiċi Ċivili Malti, il-mara miżżewġa hija msemmija bħala 'inkapaċi' li tagħmel attijiet ċivili (eg. kuntratt) mingħajr il-kunsens ta' żewġha jew tal-Qorti. Fil-fatt, l-Artiklu Nru. 1014 igħid: "Kull konvenzjoni magħmula minn mara miżżewġa mingħajr il-kunsens u d-dehra ta' żewġha fl-att, jew mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Qorti kompetenti, hija nulla". Kull att kummerċjali jew ċitazzjoni mingħajr il-kunsens tar-raġel huma wkoll nulli. Il-mara miżżewġa lanqas ma tista' tamministra ħwejjeġ mobbli jew immobbli li tkun ġabet magħha bħala dota. Hija ma tistax minn rajha, matul iż-żwieġ tbiegħ ħwejjeġ immobbli bħalm'huma art u bini, mingħajr il-kunsens ta' żewġha jew tal-Qorti. Lanqas ma tista' taċċetta wirt mingħajr dan il-kunsens. Il-liġi tasal ukoll biex tobbliga lill-mara li jkun mitilha r-raġel u ħallielha t-tfal, li titlob l-awtorizzazzjoni tal-Qorti biex tieħu t-tutela ta' wliedha minorenni.

Minn dan naraw kemm il-kap assolut tal-familja Maltija huwa r-raġel, imma b'kap ma nifhmux tirann. Il-liġi tagħti protezzjoni kbira lill-mara miżżewġa. Fil-fatt, jekk il-mara miżżewġa tinstab f'periklu li titlef id-dota minħabba l-amministrazzjoni ħażina ta' żewġha, din, mingħajr il-kunsens ta' żewġha jew tal-Qorti, tista' titlob il-firda tal-beni tagħha minn dawk tar-raġel. Tista' wkoll tinħall mill-komunjoni tal-akkwisti. Il-'komunjoni tal-akkwisti' tfisser li l-qligħ kemm tal-mara kif ukoll tar-raġel matul iż-żwieġ huwa proprjeta' komuni. Il-mara li ma toħroġx taħdem għandha nofs il-qligħ ta' żewġha, u jekk ir-raġel imut bla testment u bla tfal, dan in-nofs tal-qligħ li jkun sar matul iż-żwieġ ħadd ma jista' jmissulha.

Għalkemm, kif rajna hawn fuq, il-liġi tipproteġi ħafna lill-mara miżżewġa, jibqa' l-fatt illi r-restrizzjonijiet fuq il-liberta' tal-mara miżżewġa huma esaġerati. Jiena minix ngħid li r-raġel m'għandux ikun il-kap tal-familja għax, kif igħid il-Malti, bastiment b'żewġ kaptani ma jimxix; imma wkoll taraw li x'uħud minn dawn ir-restrizzjonijiet huma esaġerati u għandhom jiġu aboliti mill-aktar fis. Il-liġi tagħna tagħti l-impressjoni li l-mara Maltija hija l-iskjava tar-raġel u mhux, kif trid is-soċjeta tal-lum, u kif ried Alla, kooperatriċi miegħu għall-bini u t-tmexxija tal-familja.

Hadd ma jista' jiċħad li l-akbar parti fl-edukazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied tmiss lill-omm. Għalhekk il-parti li l-omm tagħmel fis-soċjeta' hija ta' l-ikbar importanza, u għalhekk il-mara miżżewġa jistħoqqilha drittijiet daqs tar-raġel.

SPORTS

minn Lawrence Scicluna

Bħalissa ġo Hal Balzan qed tidher certa attività sportiva li qed iżżomm għadd sabiħ ta' tfal, ġuvintur, u anke rġiel, attivi fuq l-isports, speċjalment il-futbol. Dan huwa dovut għall-Kumitat u ċerti membri tal-'Balzan Youths', u ta' dan ħaqqhom prosit. Ta' min isemmi li din is-sena l-'Balzan Youths' għamlu progress fuq is-snin li għaddew. Fit-'Third Division', il-'Balzan Youths' setgħu faċilment kienu fuq nett tal-klassifika, għalkemm għad hemm iċ-ċans għar-rebħ tas-Sezzjoni. Ir-'Reserves' ukoll għandhom iċ-ċans li jirbħu s-Sezzjoni. Il-'Minors', għalkemm ma tantx għandhom ċansijiet li jirbħu s-Sezzjoni, għandhom tim tajjeb; u M. Grima huwa t-'top-scorer' tas-Sezzjoni. Fl-aħħarnett, iżda mhux l-inqas, għandna l-'Under 16 League' li qed jintlagħab ħdejn il-Knisja. (Hija ħasra li ġo Hal Balzan għad m'għandniex 'playing field' u grawnd!)

Ta' dan kollu li semmejt, nerġa' ngħid, ħaqqu prosit il-Kumitat tal-'Balzan Youths' u l-membri kif ukoll il-plejers u t-tfal li qed jieħdu sehem f'dan l-isport hekk sabiħ tal-futbol. Għalhekk inħeġġeġ lill-Kumitat u 'l-plejers sabiex jirsistu ħalli nirbħu xi unur tar- rebħ ta' xi sezzjoni - ħaġa li ilna neqsin minnha għal dawn l-aħħar snin. Liż-żgħażagħ tagħna ngħidilhom KURAĠĠ, u lit-tfal tagħna ngħidilhom KURAĠĠ iktar; għax, wara kollox, it-tfal huma l-plejers kbar tal-'Balzan Youths' ta' . għada Mela, Forza Tfal Balzanin!!!

* BILLIARDS — Dan l-isport huwa attiv fir-raħal tagħna, u dan nistgħu narawh fil-'Billiard Rooms' li għandna fil-'Balzan Youths F.C. u fis-'St. Gabriel Band Club'. F'dan l-isport ukoll għandna plejers li jistgħu jagħtu l-kontribut tagħhom. Ngħidu aħna, jistgħu jsiru xi kompetizzjonijiet għan-nies tal-Parroċċa, kemm bħala individwali kif ukoll bħala tim rappreżentant ta' xi klabb li semmejna aktar 'il fuq. Dwar dan, nittama li ngħarrafkom f'ħarġa oħra, jew inkella ngħarraf lill-Kumitati tal-klabbs ikkonċernati u nara l-ideja tagħhom.

* NEVITAW XI DIŻGRAZZJA — Ħaġa li nixtieq nikteb fuqha sabiex tiġi evitata xi diżgrazzja bħalma kellna xi snin ilu, hija dik li osservajt ftit ilu meta l-'Balzan Youths' kienu se jilagħbu waħda mill-partiti tagħhom. Qiegħed nirreferi għal dawk it-tfal li kienu qed jistennew il-Private sabiex imorru l-grawnd jagħtu s-sapport tagħhom. Dawn, appena raw il-Private, telqu jiġru jimbuttaw 'il xulxin sabiex jitilgħu l-ewwel — u dan waqt li l-karozza kienet għadha miexja. Is-sewwieq ma jkunx jista' jarahom lil dawn it-tfal minħabba li jiġu jiġru min-naħa ta' wara. Għalhekk nixtieq ngħid kelma lil dawk il-membri tal-'Balzan Youths' li qegħdin jiġbru lil dawn it-tfal u jorganizzawlhom ħafna attivitajiet sportivi; ngħidilhom sabiex jiftħulhom għajnejhom li dawk it-tfal ħalli joqogħdu

(Jissokta f'paġna 3)

Be More Elegant With Your Hairstyle
Make Your Hair-do At
SALON D'ELEGANCE
Experts in all hair styling and dyeing
SPECIAL OFFER ON WIGS
IN SYNTHETIC AND HUMAN HAIR
Make your appointment at:
275, MAIN STREET, BALZAN. Tel.: 44009

IL-KELMA TAL-KAPPILLAN

Fl-aħħar ħarġa ta' din il-gazzetta, dik ta' Novembru-Diċembru tas-sena l-oħra, tkellimt fuq ir-rispett u l-ubbidjenza li għandu jkollna lejn l-awtoritajiet taż-żewġ soċjetajiet li tagħhom aħna lkoll membri: il-Knisja u l-Istat. U għidt li għandna nfittxu li nikkoperaw fil-ħidmiet li huma jagħmlu għall-ġid tagħna. Minn hawn jidher l-interess, jew in-nuqqas tiegħu, f'kull wieħed u waħda minna, fil-progress tant reliġjuż, kemm ukoll ċiviku, tagħna bħala individwi, kemm ukoll bħala membri tal-komunita' li tagħha nagħmlu sehem, fiż-żewġ oqsma.

Kellimtkom drabi oħra fuq is-sehem tagħna, anzi ta' kull wieħed u waħda minna, fil-ħajja reliġjuża tal-Parroċċa. Illum nixtieq nagħmel enfasi aktar fuq il-lat ċiviku tal-ħajja tal-komunita' tagħna. Issa l-Kunsill Ċiviku ta' Ħal Balzan ilu mwaqqaf għal aktar minn erba' snin, u jiena għal sentejn minnhom kelli l-kariga ta' President, u f'sena oħra kont membru tal-Eżekuttiv, u għalhekk nista' nitkellem anke mill-esperjenza personali f'dan il-kamp ukoll. Nista' ngħid li, li kieku ma kinetx ir-rieda soda ta' ftit nies li, b'sens kbir ta' responsabbilta' u ta' sagrifiċċju, ħadmu u stinkaw mill-aħjar li setgħu biex żammew ir-rota ddur, kieku l-Kunsill Ċiviku tagħna daqqejnielu l-mewt u dfinnieh. U ma nafx kieku ġara dan, jekk il-Kunsill kienx jerġa' jqum għal ħajja ġdida.

Għaliex, ngħid jien, kellna ngħaddu minn tant żminijiet diffiċli fil-ħajja tal-Kunsill Ċiviku tagħna? Għaliex kull meta ġew mistednin nies kapaċi li jagħtu sehemhom f'dan il-qasam — u minn dawn f'Ħal Balzan ma aħniex neqsin — jew irrifjutaw li jgħinu, jew, wara żmien aktarx qasir, ċedew l-armi u ħallew lil ħaddieħor jaqdef waħdu? Għaliex anke mill-Għaqdiet li għandna mwaqqfa f'Ħal Balzan, tant reliġjużi kemm ukoll ċiviċi, insibu diffikulta' biex ikollna r-rappreżentanti tagħhom fil-Kunsill skond l-Istatut ta' l-istess Kunsill? Għaliex anke, mhux darba u tnejn, biex jinżammu l-laqgħat ġenerali tal-Kunsill, bejn ħamsa u sitta fis-sena, kellna nistennew kwarta fuq il-ħin ifissat għall-bidu tal-laqgħa, għaliex fil-ħin avżat ma jkunx hemm 'quorum'? Jidhirli li t-tweġiba hija ħafifa, u ma hemmx għalfejn nagħtiha jien.

Nappella bil-qawwa kollha lil kulħadd, għaqdiet u ndividwi għal aktar interess fil-qasam ċivili ta' pajjiżna. Sakemm johroġ dan il-għadd tal-gazzetta jkun ġa ntgħażel l-Eżekuttiv il-ġdid li jrid imexxi l-Kunsill ghas-sena li ġejja, sa Jannar ieħor. Irrid nittama bil-fiduċja kollha li, meta jinqraw dawn il-kelmtejn fil-gazzetta, inkunu nistgħu ngħidu li bdiet fażi ġdida, perijodu ta' ħajja aħjar għall-Kunsill Ċiviku tagħna u ta' aktar koperazzjoni u nteress fil-qasam ċiviku ta' Ħal Balzan.

EMANUEL

SHOE STORE

151, ST. LUCIA STR.,

VALLETTA

SPECIALIST IN

LADIES, CHILDREN

AND GENTS

FOOTWEAR


ROKNA GHAT-TFAL

KOMPETIZZJONI BIL-PREMJU

Tfal,

It-twegibiet tal-kompetizzjoni li rċevejna minnghandkom bejn iferrħuna u bejn inikktuna. Iferrħuna għax juruna l-interess ta' wħud minnkom; u jnikktuna għax juruna li ftit mit-tfal tar-raħal jaqraw il-gazzetta HAL BALZAN, jew, jekk jaqrawha, ftit huma dawk li jindenjaw ruħhom jibagħtu t-tweġibiet tal-kompetizzjoni. Kif rajtu, il-mistoqsijiet tal-kompetizzjoni ma kenux tqal, tneħħi xi tnejn minnhom; u dawn stajtu tistaqsuhom lil xi ħadd kbir jew lil min igħallimkom l-iskola jew il-Mużew. Mhix ħaġa ta' min ifaħħarha li tara tfal ma jeħdux interess f'kompetizzjoni li qed tiġi mħejjija apposta għalihom u li, barra minn hekk, hemm premju ta' nofs lira lest għal min jirbaħha. Tfal bħal dawn juru li ma jinteressawx irwieħhom fir-raħal tagħhom u għalhekk ma jkunux iħobbuh. Nittama li din id-darba jkollna iktar tfal li jieħdu sehem fil-kompetizzjoni.

Għal din id-darba, għandkom ritratt li juri statwa żgħira tal-ġebel li tinsab f'kantuniera bejn żewġ toroq f'Ħal Balzan. Missirijietna kellhom devozzjoni kbira lejn dan il-qaddis u bnewlu għadd ta' knejjes ma' Malta kollha. Fir-raħal tagħna wkoll għandna knisja żgħira ddedikata lil dan il-qaddis. Kulma għandkom tagħmlu huwa li twieġbu dawn it-tliet mistoqsijiet li ġejjin:



1. X'inhu l-isem tal-qaddis li jidher fir-ritratt?
2. Bejn liema żewġ toroq ta' Ħal Balzan tinsab din l-istatwa?
3. Għaliex il-Maltin kellhom devozzjoni kbira lejn dan il-qaddis?

Ibagħtu t-tweġibiet tagħkom f'envelop magħluq fl-indirizz tas-soltu jew inkella, jekk huwa eħfef għalikom, impustawh intom stess fil-'letterbox' tal-Każin tal-Banda 'San Gabriel'. Fuq l-envelop iktbu biss KOMPETIZZJONI. Tinsewx tniżżlu fuq il-karta l-isem u l-indirizz tagħkom. Għandkom żmien sas-Sibt, 24 ta' Frar, 1973.

It-tweġibiet tal-kompetizzjoni ta' l-aħħar ħarġa huma:

1. San Franġisk t'Assisi; 2. Dun Ġorġ Preca; 3. Id-Dundjan; 4. Il-profeta Mikeja; 5. Patri Indri' Schembri; 6. Il-priedka tat-tifel; 7. Charles Dickens.

Ir-rebbieħ tal-kompetizzjoni huwa *Raymond Sammut* li joqgħod 'Photax', Triq il-Papa Alessandru VII, Ħal Balzan. Il-premju ta' nofs lira nieħdu ħsieb nibagħtuhulu.

Għeżież tfal,

Żgur li għadkom tħossu f'qalbkom il-ferħ tal-festi tal-Milied. Bosta minnkom għadkom tgħożżu r-rigali li qlajtu mingħand il-ħbieb u l-qraba tagħkom.

F'dawn il-ġranet ta' ferħ jien ukoll kont preżenti għand familja fejn xi qraba bdew iqassmu ħelu u rigali lit-tfal. Ħadt pjaċir tassew nisma' t-tfal, bniet u subien, hekk kif ħadu f'idejhom dawk ir-rigali malajr lissnu żewġ kelmiet ħelwin: "Thank you". Iggustajthom tassew għax indunajt li kienu tfal edukati sewwa u li jagħmlu ġieħ lill-familji tagħhom.

Min mhux edukat ma jafx igħid "Grazzi", jew biex igħidha xi ħadd ieħor irid ifakkru fiha. Imma min hu mdorri sa minn ċkunitu jgħid "Grazzi" u jġib ruħu sewwa man-nies, mingħajr ħadd ma jgħidlu malajr tisimgħu jgħid: "Grazzi ħafna". Min bit-tbissima fuq fommu jiftaħ idejh biex jilqa' xi ħaġa u fl-istesss ħin jagħlaq ħalqu u ma jgħidx "Grazzi", juri li qalbu mhix edukata u li ftit li xejn għamilha man-nies.

Li tgħid "Grazzi" lil min jagħmillek xi ġid ma titlef xejn, iżda li ma tirringrazzjax lill-oħrajn titlef ħafna. Il-kelma "Grazzi" minnha nfisha tqanqal lil dak li jkun biex jerġa' jagħti iżjed. Li ma tgħidx "Grazzi" tkun qed tagħlaq id dak li jkun biex jerġa' jagħtik ħwejjeġ oħra.

Naħseb li lkoll smajtu b'dik l-istorja li naqraw fl-Evanġelju, ta' meta Ġesu' fejjaq mill-mard tal-ġdiem għaxra minnies li minnhom wieħed biss mar jirringrazzjah. Lil dan ir-raġel Ġesu' stess staqsieh u qallu: "Mhux l-għaxra fiqtu?! Int biss ġejt tirringrazzjani?"

Ġesu', li l-edukazzjoni jħobbha u jberikha, stenna li bħalma l-għaxra kienu li qalgħu l-fejqan kellhom ikunu kollha li jmorru quddiemu u jgħidulu "Grazzi". L-edukazzjoni hi ħaġa waħda mar-reliġjon, għax min mhux edukat issibu jonqos, tant mieghu nnifsu kemm ukoll ma' l-oħrajn.

L-istess annimali, għalkemm mingħajr raġuni, mill-istint tagħhom iħossu li b'xi sinjal għandhom igħidu "Grazzi" lil min ikun tahom xi ħaġa. Hekk, per eżempju, il-kelb wara li tkun tajtu xi ħaġa jiġi jifraħ bik u xi drabi jittanta jbusek ukoll.

Xi tfal wara li tkun tajthom xi ħaġa malajr jafu jgħidulek "Grazzi ħafna"; imma kemm huma ftit dawk it-tfal li jgħidulek "Grazzi" wara li tkun ikkoreġejthom f'xi żball tagħhom! Tfal tassew edukati u fl-istess ħin bravi jafu jgħidu "Grazzi" wkoll meta xi superjur, bħalma hu per eżempju t-'teacher', ikellimhom fuq xi nuqqasijiet tagħhom. Min jurina l-iżbalji tagħna u jiftħilna għajnejna biex ma nerġgħux nagħmluhom ikun tassew jixtiqilna l-ġid u għalhekk ta' min igħidlu "Grazzi", ukoll jekk bex ngħiduha ser inbatu xi ftit.

Għalhekk, tfal għeżież, jekk tridu li tkunu maħbubin minn kulħadd u kulħadd ikun jistmakom, qisu li fuq fommkom spiss ikunu l-kelmiet "Grazzi ħafna."

Niftakar meta kont żgħir, u t-'teacher' tagħna kien ikollu bżonn xi tifel biex jaqdieh, kien jagħtina daqqa t'għajn u jagħżel minna l-iktar wieħed edukat. Qabel ma kien jibagħtu kien spiss iwissih u jgħidlu: "Ara qis li tgħid 'Thank you'!" U meta dan it-tifel kien jerġa' lura t-'teacher' malajr kien istaqsih u jgħidlu "Għedtlu 'Grazzi'?" u t-tifel kien iwieġbu: "Iva, sir!"

Filwaqt li nixtiqilkom il-kumplament tas-Sena t-Tajba minn qiegħ qalbi nselli għalikom.

(Jaqbad minn paġna 2)

attenti minn dan il-periklu. B'daqshekk ma rrid bl-ebda mod ngħabbi lill-membri tal-Kumitat b'din ir-responsabbilta'; imma b'kelma ta' ġid ikunu qed jagħmlu opra ta' karita' ma wlied Ħal Balzan. 'Grazzi minn qalbi', għan-nom tat-tfal kollha.

Nota: L-artiklu tat-Tabib jidher f'ħarġa oħra minħabba nuqqas ta' wisgħa.

VALLEY BUTCHER

John Pullicino

FOR FIRST CLASS MEAT

AND SERVICE

121, VALLEY ROAD, BALZAN

Telephone: 42066

A

MARS

A DAY

HELPS YOU

WORK, REST AND PLAY

Wirt Dun Ġorġ f'Ħal Balzan

27

ĦAMSIN SENA TA' ĦIDMA – 1923-1973


MINN CARMEL BEZZINA, B.A. TAQSIMA I

TA' KULL FIL-GĦAXIJA, INT U GĦADDEJ MINN DIK IL-PARTI DEJQA TA' TRIQ IT-TLIET KNEJJES GĦALL-ĦABTA TAS-SITTA W NOFS, DLONK TISMA' L-GĦAJJAT U L-ISTORBJU TA' DIK IL-ĠEMGĦA TFAL, KBAR U ŻGĦAR, LI TA KUL-JUM TINĠABAR MIR-RAĦAL KOLLU ĦALLI TISMA' T-TAGĦLIM TAD-DUTTRINA NISRANIJA. DIN HI ĦAĠA LI LLUM TANT DRAJNIEHA U TANT SARET PARTI MILL-ĦAJJA TAGĦNA LI FORSI QATT MA WQAFNA U ĦSIBNA FTIT FUQ KIF BDIET DIN L-ATTIVITA' KBIRA U FEJJIEDA FIR-RAĦAL TAGĦNA. QATT KONNA NOBSRU, NGĦIDU AĦNA, LI DIN IL-ĦIDMA ILHA SEJRA BLA MA TAQTA' MADWAR ĦAMSIN SENA SĦAĦ? KONNA NAFU LI S-SOĊJETA' TAD-DUTTRINA NISRANIJA HIJA L-EQDEM GĦAQDA RELIĠJUŻA LI ĠIET IMWAQQFA F'ĦAL BALZAN?

F'din l-okkażjoni ta' għeluq il-ħamsin sena mill-ftuħ tal-M.U.S.E.U.M. f'Ħal Balzan, jixraq li nħarsu ftit lejn ix-xogħol li din is-Soċjetà wett qet tul dawn is-snin u fl-istess ħin nagħtu xi tagħrif dwar din il-ġrajja li nistgħu nqisuha bħ ala waħda mill-ewlenin fl-istorja reliġjuża tal-Parroċċa tagħna.

BIDU TAS-SOĊJETA' TAD-DUTTRINA NISRANIJA

Is-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija, jew, kif inhi magħrufa l-iktar, is-Soċjetà tal-M.U.S.E.U.M., twaqqfet minn Mons. Ġorġ Preca (1880-1962) fl-1907. Dun Ġorġ, għax hekk kien magħruf mill-Maltin dan is-saċerdot twajjeb, sa minn meta kien għadu jistudja s-Seminarju għaraf l-istat ta' injoranza reliġjuża li kien fiha l-poplu Malti, u malajr ġietu



Dun Ġorġ Preca (1880-1962), Fundatur tas-Soċjeta' tal-M.U.S.EU.M.

l-ideja li jwaqqaf għaqda ta' nies għal dan ix-xogħol. Huwa ġabar xi żgħażagħ u beda jgħallimhom id-duttrina. Għall-ewwel kienu jiltaqgħu fil-Knisja ta' Nuzzu, il-Ħamrun; iżd'aktar tard ħuma krew dar il-Ħamrun stess – Nru. 6, Triq Fra Diegu. L-ewwel laqgħa f'din id-dar saret nhar il-Ħamis 7 ta' Marzu 1907. (1) Il-ftuħ ta' dan l-ewwel qasam fil-Ħamrun kien il-bidu ta' oqsma oħra għat-tagħlim tad-duttrina ma' Malta kollha u Għawdex ukoll. Ħal Balzan messu wkoll minn dan il-wirt qaddis ta' Dun Ġorġ.

DATA TAL-FTUĦ TAL-QASAM TA' ĦAL BALZAN

Ma nafux sew meta fetaħ għall-ewwel darba l-Museum f'Ħal Balzan. Uħud qalulna li kien fl-1922, oħrajn fl-1923. Bil-miktub ma sibna xejn li jitkellem dwar il-ftuħ tal-qasam; u l-ewwel 'records', jekk nistgħu nsejħulhom hekk, ta' l-atti tal-qasam jibdew minn Mejju tal-1924. Min-naħa l-oħra, nafu li l-Museum fetaħ qabel din l-aħħar data. Biżżejjed ngħidu li l-qasam fetaħ fiż-żmien li kien kappillan ta' Ħal Balzan Dun Amabile Sisner, li miet f'Ġunju tal-1923. Xi nies anzjani li jiftakruhom tajjeb dawk iż-żminijiet qalulna li l-Museum fetaħ xi tlieta jew erba' xhur qabel il-mewt tal-Kappillan Sisner. U għalhekk, ġaladarba m'għandna xejn bil-miktub, jaqbel inżommu li s-Soċjetà tal-Museum fetħet l-ewwel dar tagħha f'Ħal Balzan fil-bidu tas-sena 1923.

ĦAL BALZAN — ĦAMSIN SENA ILU

Sabiex nifhmu sewwa x'kienet tfisser din il-ġrajja għar-raħal, jeħtieġ nagħtu daqqa t'għajn lejn Ħal Balzan ħamsin sena ilu. Sa qabel it-Tieni Gwerra Dinjija, Ħal Balzan kien bil-wisq differenti milli hu llum. L-għadd kbir ta' djar u toroq ġodda li llum naraw f'Ħal Balzan huma kollha frott ta' wara l-gwerra, meta r-raħal tagħna mtela bir-refuġjati li, ħafna minnhom, baqgħu jgħixu hawn meta l-gwerra spiċċat. Għalhekk, fiż-żmien li qed insemmu, jiġifieri fl-1923, Ħal Balzan kien għadu dak ir-raħal kwiet, qadim, u pittoresk mgħammar biss minn ftit 'il fuq minn 1,300 ruħ. (Illum il-popolazzjoni hija ta' madwar 3,500 ruħ). In-nies tar-raħal ma kellhom xejn fhiex jedhew. Ħlief il-Każin 'Marija Annunzjata' u dak 'San Gabriel', li kien għadu kif fetaħ, ma kien hemm l-ebda post ta' rikrejazzjoni. Il-mezzi ta' trasport kienu għadhom lura ħafna; u l-iżvog waħdieni li n-nies kellha kien li, nhar ta' Ħadd, tinżel sa Birkirkara fejn kien ikun hemm xi festa. Hemm kienu jqattgħu siegħa żmien jisimgħu d-daqq tal-Banda u jaraw xi ftit logħob tan-nar.

It-Tagħlim tad-Duttrina qabel il-ftuħ tal-Museum

It-tagħlim tad-duttrina fil-Parroċċa kien isir mill-qassisin flimkien mal-Kappillan, li kien fid-dmir li jgħallem 'il-parruċċani tiegħu u li jeżamina lit-tfal qabel jersqu għall-Ewwel Tqarbina. Fost il-qassisin li jissemmew din il-ħabta nsibu lil Dun Ġużepp Cecy, Dun Franġisk Agius, u Dun Klement Muscat. Dawn kienu jiġbru t-tfal fil-Kappellun tar-Rużarju, fil-Knisja Parrokkjali, u jgħallmuhom xi ftit duttrina. Biss, minkejja li kienu s-saċerdoti li jgħallmu d-duttrina, it-tagħlim ma setax ikun organizzat kif inhu llum, minħabba li dawn kien jkollhom xogħol ieħor pastorali. Biex tagħqad, dawn il-qassisin li semmejna kienu bdew jixjieħu, u għalhekk nistgħu nobsru x'sabar u x'enerġija kellhom sabiex igħallmu d-duttrina.

B'danakollu, għalkemm il-ħtieġa ta' ħidma iktar sħiħa fit-tagħlim tad-duttrina liż-żgħar kienet, kull ma jmur, qed turi ruħha biċ-ċar, naħsbu li Dun Mabb Sisner, il-Kappillan, dam iżomm lebes ħafna qabel ta l-approvazzjoni tiegħu għall-ftuħ tal-qasam. B'daqshekk ma nistgħux inlumuh. Billi s-Soċjetà tal-Museum kienet għadha fil-bidu tagħha, ħafna kienu s-saċerdoti u membri għoljin tal-Knisja li kellhom idejat żbaljati dwarha. Biżżejjed insemmu li saħansitra l-Isqof innifsu — Mons. Dom Mawru Caruana — kellu xi preġudizzji kontra din l-Għaqda. M'għandniex xi ngħidu, dawn il-preġudizzji nsab li kienu foloz, għax fil-fatt kien dan l-istess Isqof li, fit-12 ta' April 1932, approva r-regolamenti ta' din l-Għaqda. (2) Intant, il-Kappillan Sisner sa fl-aħħar ta l-permess meħtieġ.

IL-FTUĦ TAL-QASAM ĦAMSIN SENA ILU

Kif ġa għedt, ma nsibu xejn bil-miktub dwar il-ftuħ tal-qasam; b'danakollu rnexxielna niġbru ħafna tagħrif minn nies li kienu fil-qalba ta' dawn il-ġrajjiet li qed insemmu.


Għall-bidu, kien ġie Ħal Balzan Dun Ġorġ, flimkien ma' l-ewwel Superjur Ġenerali tas-Soċjetà, Eugenio Borg. Huma għamlu xi laqgħat lit-tfal fit-triq ta' wara l-Knisja (fejn illum hemm Triq l-Annunzjata). Dawn kienu qishom laqgħat ta' thejjija, sabiex jaraw kif il-poplu ta' Ħal Balzan se jilqa' din l-Għaqda ġdida. Huwa magħruf li dawn il-laqgħat preparatorji ntlaqgħu tant tajjeb li Dun Ġorġ, meta ra li kien hemm art tajba, malajr ordna l-ftuħ tal-qasam. Bħala lokal, inkriet id-dar li qiegħda kantuniera fuq in-naħa tal-lemin tal-Knisja Parrokkjali. Is-Superjur Ġenerali għażel xi soċi mill-qasam ta' Birkirkara sabiex jibdew jitilgħu jgħallmu d-duttrina fil-qasam il-ġdid. Bħala l-ewwel superjur ta' dan il-qasam inħatar wieħed Ġużeppi Galea minn Birkirkara, magħruf bħala 'Ġużeppi tal-Mewt'.

Il-qasam ta' Ħal Balzan beda sa mill-bidu bil-ħidma tiegħu, ħidma li tul dawn il-ħamsin sena ma waqfet qatt. Ta' kull fil-għaxija, dawn is-soċi, wara ġurnata xogħol, kienu jitilgħu minn Birkirkara sabiex igħallmu d-duttrina lit-tfal fid-dawl tax-xemgħa jew ta' xi lampa tal-pitrolju, minħabba li ma kienx għad hawn dawl elettriku. Imbagħad, wara t-tagħlim tad-duttrina, huma kienu jagħmlu siegħa flimkien, imsejħa 'assenjatur', u fiha jistudjaw l-Iskrittura Mqaddsa u tagħlim ieħor tat-teoloġija. In-nies ta' Ħal Balzan, meta bdew jaraw lil dawn iż-żgħażagħ jiġu ta' kuljum u b'sagrifiċċju jgħallmu t-tfal tar-raħal, bdew iħossu ċertu obbligu lejhom; min-naħa tagħhom, it-tfal kienu jmorru bi ħġarhom għat-tagħlim tad-duttrina. Jidher ċar li sa mill-bidunett il-Museum kien ammirat ħafna mill-Balzanin.

L-Ewwel Tqarbina tat-Tfal — 1923


Din l-ammirazzjoni ssoktat tikber meta waslet il-festa tat-Trinità, li fiha ssir l-Ewwel Tqarbina tat-tfal. Għalkemm il-Museum kien għad ilu biss ftit xhur li fetaħ, is-soċi tal-Museum irnexxielhom iħejju t-tfal tant tajjeb li l-Kappillan Sisner baqa' mistagħġeb. Tant ħa pjaċir b'dawn is-soċi li saħansitra laqqagħhom u għamlilhom trattament ċkejken. Huwa faħħar ukoll 'il dawn il-membri tal-Museum ma' waħda mara jisimha Duminka, li kienet tgħallem id-duttrina lit-tfal bniet tar-raħal.

Iżda l-Kappillan Sisner ftit kellu jgawdi l-frott ta' din il-Għaqda l-ġdida! Huwa miet ħesrem nhar is-17 ta' Ġunju ta' dik is-sena. Jingħad li qabel miet huwa wera s-sogħba tiegħu li ma fetaħx il-Museum qabel fil-Parroċċa. Il-Kappillan il-ġdid kien Dun Franġisku Saverju Zahra, illum Monsinjur. Meta ħa l-pussess ta' Kappillan, nhar id-19 ta' Ottubru 1923, il-Museum kien laħaq qabad tajjeb fir-raħal u l-attività tiegħu kienet kibret ġmielha. Il-Kappillan Zahra ta l-għajnuna kollha li seta' lil din l-Għaqda fil-Parroċċa.



Din id-dar — Nru. 6 Triq l-Annunzjata — serviet għat-tagħlim tad-duttrina mill-ftuħ tal-Museum fl-1923 sal-10 ta' Ġunju 1940, meta bdiet il-gwerra u d-dar imtliet bir-refuġjati.

Fost is-soċi li għall-bidu kienu jitilgħu minn Birkirkara nsibu lil Ġużeppi Parnis, li kien jaħdem l-għamara; Mikiel Agius, li sal-lum għadu membru tas-Soċjetà fil-qasam ta' Birkirkara; Ġużeppi Bezzina; l-aħwa Baldacchino — Manwel, Eleno, u Ġużeppi; u Ġwann Micallef u ħuh Speditu. Aktar tard, Ġwann Micallef kellu jilħaq it-tieni superjur tal-qasam ta' Ħal Balzan.



Ir-Rev. Kan. Ġwann Micallef, it-tieni superjur tal-qasam (1924-1929).

Il-frott ta' din il-Għaqda l-ġdida ma damx ma beda jinħass fost in-nies tar-raħal stess. Kien hemm għadd sabiħ ta' tfal u żgħażagħ li ħaddnu s-sejħa Museumina, u wħud minnhom waslu ukoll li nkorporaw soċi. Fost l-ewlenin soċi minn Ħal Balzan insibu lil Spiridione Sammut, li kellu jkun ukoll superjur tal-qasam, Karlo Zarb, Manwel Attard, Manwel Muscat, u Franġisku Vassallo, magħruf bħala 'Ta' Mudest', li għalkemm daħal kbir il-Museum huwa miet membru tas-Soċjetà.

FI ŻMIEN IS-SUPERJUR ĠWANN MICALLEF — 1924-1929

Milli jidher, is-Superjur Ġużeppi Galea ftit dam imexxi l-qasam, għax, meta f'Mejju tal-1924 bdew jitniżżlu xi kontijiet ta' dak li kien jintefaq għall-ħtiġijiet tal-qasam, l-ebda firma tiegħu ma nsibu. Barra minn hekk, nafu wkoll li f'din is-sena kien inħatar Ġwann Micallef bħala t-tieni superjur tal-qasam. L-għażla tas-Superjur Ġwann Micallef saret b'votazzjoni. Ġwann Micallef, fil-kariga tiegħu ta' Superjur Partikulari tal-qasam, beda jiffirma r-reġistri ta' l-ekonomija f'Settembru tal-1924.

Ġwann Micallef, li llum huwa Kanonku tal-Kolleġġjata Bażilika ta' Sant'Elena f'Birkirkara, huwa bniedem ta' dehen u ta' ħidma kbira pastorali li qatta' ħajtu kollha jaħdem fil-qasam tal-Mulej. Beda bħala membru tas-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija u baqa' sakemm sar qassis, qatta' xi snin bħala missjunarju fl-Abbisinja, u llum, minkejja li għandu 'l fuq minn sebgħin sena, għadu jaqdi d-dmirijiet tiegħu ta' saċerdot. Fiż-żmien li kien il-Museum, huwa kellu attività kbira. Huwa stess jirrakkonta kif nhar ta' Ħadd kien jitla' Ħal Balzan, iġib biċċa ħobż miegħu, u kien jagħmel ġurnata sħiħa l-qasam, sabiex it-tfal ikollhom fejn jinġabru u mhux joqogħdu jiġġerrew 'l hawn u 'l hinn. Bħala Assistent tal-qasam, huwa kellu għal xi żmien lis-soċju Ġużeppi Bezzina.

(1) Ara 'DUN ĠORĠ 1880-1962' Paġ. 14.

(2) Ibid Paġ. 22.

(JISSOKTA)